

- 4) L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/48/UE għandu jiġi interpretat fis-sens li jawtorizza lill-qorti nazzjonali sabiex teskludi mill-proċedura ġudizzjarja avukat li jkun irrappreżenta tnejn mill-akkużati fejn wieħed minnhom ikun ipprovdha spjegazzjonijiet dwar fatti li jolqtu l-interessi tal-akkużat l-ieħor li, min-naħa tiegħu, ma jkun ipprovdha ebda spjegazzjoni?

Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għal din id-domanda, il-qorti tkun qiegħda tiżgura d-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fis-sens tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva jekk, wara li tkun ippermettiet il-parteciġazzjoni fil-proċedura ġudizzjarja ta' avukat li jkun qiegħed jirrappreżenta fl-istess ħin żewġ akkużati b'interessi kunfliġġenti, taħtar, għal kull wieħed mill-akkużati, avukati maħtura *ex officio* ġodda u differenti sabiex jirrappreżentawhom?

- <sup>(1)</sup> Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2012, dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (ĠU L 142, p. 1).
- <sup>(2)</sup> Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2013, dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU L 294, p. 1).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de Primera Instancia n° 5 de Alcobendas  
(Spanja) fl-20 ta' Novembru 2015 – Ibercaja Banco S.A.U. vs José Cortés González**

(Kawża C-613/15)

(2016/C 048/23)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de Primera Instancia n° 5 de Alcobendas

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Ibercaja Banco S.A.U.

Konvenut: José Cortés González

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikoli 3(1), 4(1), 6(1) u 7(1) tad-Direttiva 93/13/KEE <sup>(1)</sup>, tal-5 ta' April 1993, jipprekludu regola nazzjonali bħall-Artikolu 114 tal-liġi dwar l-ipoteki, li tippermetti lil qorti nazzjonali, meta tevalwa n-natura inġusta ta' klawżola li tiffissa interessi moratorji, tistħarreġ biss jekk ir-rata ta' interessi miftiehma hijiex iktar minn tliet darbiet ogħla mir-rata ta' interess legali, u mhux li tieħu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi oħra?
- 2) L-Artikoli 3(1), 4(1), 6(1) u 7(1) tad-Direttiva 93/13/KEE, jipprekludu regola nazzjonali bħall-Artikolu 693 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Spanjol, li tippermetti li jintalab l-ammont sħiħ ta' self b'mod antiċipat minħabba nuqqas ta' ħlas ta' tliet pagamenti ta' kull xahar, mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni fatturi oħra bħat-tul jew l-ammont tas-self jew kull raġuni oħra rilevanti, u li, barra minn hekk, tissuġġetta l-possibbiltà li jiġu evitati l-effetti ta' din l-iskadenza antiċipata għar-rieda tal-kreditur, minbarra fil-każijiet li fihom l-ipoteka hija marbuta fuq ir-residenza abitwali tad-debitur?
- 3) Ir-raba' dispożizzjoni tranżitorja tal-Liġi 1/2013 hija kuntrarja għall-ġurisprudenza COFIDIS <sup>(2)</sup>?

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kontratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288)

<sup>(2)</sup> Sentenza C-473/00, EU:C:2002:705.